MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru. 562/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**

**KONTRA**

**JOHANA LANZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Johana Lanzon ta' 20 sena, bint Anthony u Josephine xebba Fenech, imwieled Tal-Pieta' nhar il-5 ta' Mejju, 1985, residenti fil-fond numru 61, Flat 2, Triq il-Wied, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 323485M;

Akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta' Jannar, 2006 ghall-habta ta' 20.30hrs, gewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin ikkommettiet serq ta'

vettura Hyundai Stellar bin-numru tar-registrazzjoni LCE 262 ghad-dannu ta' Elton Grech u terzi persuni ohra, bil-hsieb biss li taghmel uzu minnha u din troddha lura minnufih, u dan bi ksur tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kinitx koperta b'polza tas-sigurta' dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkagunat hsara involontarja jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBG 057 tal-marka Ford Focus u fuq proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u terzi persuni ohra (parking sign);

3. U aktar talli saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCE 262 b'manjiera perikoluza u traskurata, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U kif ukoll talli saqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCE 262 minghajr ma kellha licenzja tas-sigurta' mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghatat zmien xieraq skond il-Ligi sabiex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha;

Wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l- Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata Johana Lanzon hatja tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), u l-hames (5) imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieha, izda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tiskwalifika lill-istess imputata mill-licenzja tas-sewqan ghal zmien gimgha (1).
Ghar-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, din il-Qorti qed tiddikkjaraha preskritta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------